IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 14 t' April, 2026

Rikors numru: BCT/90/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Emanuel Ellul

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 11 ta' Novembru, 2025 fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha huwa gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu ghall-hrug ta' licenzja giet michuda minhabba s-segwenti raguni:

"*The reason for refusal is that the application still requires the submission of documentation as required by the Schedule II of Subsidiary Legislation SL 623.09*
To manifest competence and evidence of a minimum of three (3) years'experience by references of at least two (2) projects in the area subject to this application."

Permezz tal-appell tieghu, l-appellant jikkontendi s-segwenti:

> *I had previously informed the BCA that I am applying for this licence so that, if needed, I can carry out work in my own home, and more importantly, because I require this licence for my career within the government sector, as it is a necessary qualification for my professional advancement and promotion purposes.*
> *All required documentation were submitted, and I received confirmation from BCA that my application was in order and had been accepted.*
> *Following this confirmation, I made the necessary payment as instructed.*
> *It is therefore unfair and unethical that, after being informed that my application was accepted and having fulfilled all the requirements, I am now being refused on different grounds.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi apparti dak indikat fil-ligi sabiex applikant jkun jista' jitqies li huwa eligibbli wiehed ukoll jrid juri li huwa kompetenti fl-aspetti li jkun qieghed japplika ghalija.*
3. *Illi umilment qieghed jkun sottomess li l-kwistjoni hija verament semplici u cioe`li l-appellanti naqas milli jipprovdi d-dijarazzjoni necessarja lil kumitat, ezattament naqas fi zmien tal-applikazzjoni li juri zewg (2) progetti dikjarati minn Perit/i liema kellu involviment lavorattiv.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet rispettivi.

Ra wkoll l-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita` li gie mfisser bil-Malti lill-appellanti waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu, 2026.

Sema' lill-appellanti waqt is-seduta tal-24 ta'Marzu, 2026 meta t-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluqin u l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi l-appell odjern jittratta c-cahda ta'applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja skont Skeda II tal-Legislazzjoni Sussidjarja SL 623.09 Regolamenti dwar il-Licenzjar ghall-Industrija tal-Kostruzzjoni, dana referibilment ghad-decizjoni mharuga f'dan is-sens annessa mar-risposta tal-Awtorita`.

Illi mill-aspett prettament legali huwa minnu li tali Regolamenti jehtiegu tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' demolizzjoni li jkunu sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti komplut.

Matul dan l-appell, sal-ahhar seduta, l-appellanti sostna li kull darba li għamel kuntatt mal-Awtorita', huwa kien ġie biss infurmat illi ma kellux biżżejjed proġetti ssabiex jikkwalifika għall-ħruġ tal-liċenzja u huwa għalhekk kien qed iressaq dan l-Appell.

F'dan ir-rigward it-Tribunal ftit ghandu fejn imur. Il-Ligi hija tassattiva f'dan li tehtieg ghall-hrug ta' licenzja ta' kuntrattur. Tali kriterji ma sarux b'kapricc imma huma intizi sabiex jizguraw li l-applikanti jkollhom il-kompetenza mehtiega, anke mill-aspett prattiku, b' esperjenza fuq il-lant tax-xoghol ta' almenu tlett snin b'referenza almenu ghal zewg (2) progetti.

It-Tribunal fela bir-reqqa l-atti tal-appell u ghalkemm sab id-dikjarazzjoni tal-Perit Johann Farrugia datata 20 t' Ottubru, 2024 fejn jinsab dikjarat is-sgwenti:

> *I have known Mr. Ellul for the past years and can confirm his capability in managing all kinds of construction works and related machinery and he is very proficient in such works.*
> *I confirm that he has carried out successfully construction works for the past three years.*

ma sab imkien ir-referenza mehtiega ghal almenu zewg progetti kif mehtieg mil-ligi.

Anke fil-mori tal-istess appell, it-Tribunal fakkar lill-appellanti fil-possibilita` li jissottometti l-applikazzjoni tieghi mil-gdid b'dak li, skont l-Awtorita`, kien hemm nieqes. Madanakollu ma jidhirx li l-appellanti ghazel li jipprocedi b'dan il-mod imma baqa' jishaq fuq l-appell tieghu li, kif jirrizulta palezi mis-surreferit, mhuwiex wiehed gustifikat. Il-htiega tieghu partikulari ghall-hrug ta' tali licenzja ma tistax b'xi mod ittaffi l-kundizzjonijiet tassattivi imposti mil-ligi f'dan ir-rigward u liema kundizzjonijiet huwa kjarament sal-lum naqas milli jissodisfa.

L-appellanti jikkontendi wkoll li f'xi stadju l-Awtorita` kienet gharfitu li ser tohrog il-licenzja tieghu – salv illi, wara, harget id-decizjoni appellata tar-rifjut. Dan ma jistax jinfluwixxi b'xi mod fuq il-validita` tad-decizjoni appellata tenut kont tan-nuqqas car da parti tal-appellanti li jissodisfa r-rekwiziti legali kif imfissrin hawn fuq.

Madanakollu, ai fini ta' kompletezza it-Tribunal jinnota li l-applikazzjoni odjerna hija wahda li tinsab indikata bhala BCA Contractors Licencing (Doc 1 anness mal-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita`). B'hekk jidher li l-applikazzjoni odjerna dahlet u giet processata bhala applikazzjoni ghal-licenzja ta'kuntrattur skont l-LS 623.09. Hekk, fil-fatt, id-decizjoni appellata tiggustifika c-cahda tal-hrug tal-licenzja abbazi tal-istess LS 623.09. Min-naha l-ohra, it-Tribunal jinnota wkoll li, permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li l-intenzjoni tieghu kienet dik li jgedded il-licenzja tieghu ta' bennej (mason). L-email datata 20 ta' Gunju, 2025 mahruga minn certu Joseph Saliba a nom tal-Awtorita` u li permezz taghha huwa gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu ghat-tigdid tal-licenzja ta' bennej kienet giet approvata tirreferi, appuntu, ghal tali applikazzjoni taht ligi differenti ossija l-LS 623.12 Regolamenti dwar Licenzji ta' Bennejja ("*B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek sabiex iggedded il-licenzja ta' bennej, ninfurmawk li l-applikazzjoni tieghek gie processata b'success. Fil-jiem li gejjin ser tkun qed tircievi komunikat iehor bi struzzjonijiet dwar kif ghandek thallas il-licenzja.* (...) *Hawn taht ghandek issib, il-kundizzjonijiet relatati mal-licenzja, liema kundizzjonijiet ghandhom jigu moqrija sew. Nawgurawlek kull success.*")

F'dan ir-rigward ikun allura opportun li l-appellanti jirregola l-posizzjoni tieghi biex qabelxejn jiddetermina jekk tassew ghandux interess fil-hrug ta' licenzja ghall-kuntrattur oltre dik, li tidher li giet approvata, bhala bennej, f'liema kaz ghandu jara li jissodisfa l-kriterji legali imposti mil-ligi f'dan ir-rigward. Madanakollu, tenut kont li l-appell sar mid-decizjoni tac-

cahda ghall-hrug ta' licenzja ta' kuntrattur, it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jsib li tali cahda kienet ghal kollox gustifikata in vista tar-rizultanzi indikati hawn fuq.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell u jikkonferma d-decizjoni appellata b'dana li jidderigi lill-appellanti sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu bil-mod opportun tenut kont dak li jinghad hawn fuq.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru